MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 431/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher George Farrugia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher George Farrugia, bin Alison Jane Farrugia, imwieled fir-Renju Unit fis-7 ta' Jannar 1988, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 0110904(L) talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Ottubru 2004 u fil-jiem ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Novembru 2007, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Christopher George Farrugia hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, ikkundannatu xahar prigunerija u mitt lira (Lm100) (illum Ewro 232.93) multa, kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal sitta u sittin lira u sebgha u disghin centenzmu (Lm66.97) (illum Ewro 155.99);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Christopher George Farrugia, minnu pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu talab li huwa jigi liberat minn kull imputazzjoni, htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Marzu 2008; ikkunsidrat:

Il-fatti ta' dan il-kaz huma in succint is-segwenti: fiz-zmien indikat fl-imputazzjoni l-appellant, li allura kellu sittax-il sena, kien gie avvicinat minn habib tieghu li tah erba' bicciet raza tal-*cannabis* biex dan, cioe` l-appellant, ibieghhomlu. Bhala kumpens l-appellant seta' jiehu bicca mill-istess raza. Ghalkemm l-appellant ma xtaqx jaghmel din il-bicca xoghol u ghall-ewwel lil habib tieghu qallu le, wara ftit accetta, ha r-raza, u telaq biha. Il-ftehim kien li aktar tard kellu jerga' jiltaqa' ma' dan il-habib tieghu u jew jirritornalu r-raza jew ir-rikavat tal-bejgh. L-appellant, pero`, rega' beda jimmolla, u iddecieda li ma jbiegh xejn. Sakemm kien qed jistenna fi stabbiliment f'Bugibba bir-raza fil-pussess tieghu, dahlu xi pulizija, l-appellant ippanikja u dahal fit-*toilet* biex hemm jahbi r-raza li kellu fuqu, izda l-pulizija indunaw bih, waqqfuh u sabu r-raza mohbija fit-*toilet*. L-appellant mill-ewwel qal lill-pulizija dak kollu li kien jaf dwar dik ir-raza u b'mod generali kkopera maghhom.

L-aggravju ta' l-appellant hu li huwa kien gie strumentalizzat mill-habib tieghu aktar 'l fuq imsemmi. Dan huwa minnu, izda ma jnaqqas xejn mill-fatt – fatt li jammonta ghal reat li jgorr mieghu il-piena ta' prigunerija – li huwa kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-pjanta *cannabis* liema pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ewwel qorti, kif jidher mis-sentenza appellata, hadet in konsiderazzjoni kemm il-fatt illi huwa kellu biss sittax-il

sena (u li ghalhekk kien japplika l-Artikolu 37 tal-Kap. 9), kif ukoll il-fatt li zvela minghand min kien akkwista ir-raza u b'hekk ghin sabiex jinqabad min kien ghaddihielu, u ghalhekk applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Huwa minnu li minn mindu sehh il-kaz sal-lum ghaddew aktar minn tlett snin, pero` dana l-fatt wahdu ma jimmilitax favur l-appellant. Dak li ma tistax tifhem din il-Qorti huwa ghala, meta l-provi kienu carissimi, u kien hemm ammissjoni fl-istqarrija maghmula lill-pulizija fil-21 ta' Ottubru 2004, liema ammissjoni regghet ittenniet fis-sustanza taghha meta l-appellant iddepona quddiem l-ewwel qorti fil-15 ta' Gunju 2007, l-appellant ma ammettiex mill-ewwel flok irregistra kontestazzjoni hekk kif tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Ottubru 2004. Bil-kontestazzjoni tieghu l-appellant halla 'l fuq minn tlett snin jghaddu qabel ma l-kaz tieghu gie definittivament rizolt, b'hela ta' zmien mhux biss ghalih izda anke ghall-pulizija u ghall-ewwel qorti. Fic-cirkostanzi din il-Qorti, minkejja l-fedina penali nadifa ta' l-appellant, ma tara li ghandha b'ebda mod tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti, piena li kienet kwazi fl-estrem tal-minimu taghha u li kienet entro l-parametri tal-ligi anke bl-attenwanti kollha applikabbli.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------